MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 263/2008

**A sive B C**

**-vs-**

**Dr. Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar li b'digriet ta' l-4 ta' Lulju 2008 gew nominati bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti D E F G C**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A sive B C, fejn dan wara li ppremetta:

Illi l-esponent kien izzewweg lill-konvenuta fid-19 ta' Lulju 1997 kif jidher mill-Att taz-Zwieg Numru 1178/1997 hawn esebit bhala Dokument A.

Illi dan iz-zwieg kien biss wiehed ta’ konvenjenza sabiex il-konvenuta, li hi ta’ nazzjonalita’ Tunezina, tkun tista’ takkwista l-*freedom of movement* f’Malta.
Illi fil-fatt il-konvenuta dejjem irrifjutat li tikkonsma dan iz-zwieg ma’ l-esponent u wara erba’ (4) xhur mid-data taz-zwieg hi telqet mid-dar matrimonjali u marret tghix ma’ certu H I, ragel ta’ nazzjonalita’ Lebaniza, liema ragel kien gia’ mizzewweg, u minnu kellha tarbija fit-30 ta’ Mejju 1998, cioe’ ghaxar (10) xhur biss wara z-zwieg taghha mal-esponent, kif jidher mic-certifikat tat-twelid hawn anness bhala Dokument B.

Illi l-esponent jissottometti li z-zwieg tieghu mal-konvenuta huwa null sija ghaliex il-kunsens tieghu kien vizzjat b’qerq dwar il-karattru tal-konvenuta li fixklet ghal kollox il-hajja mizzewga; sija ghaliex il-kunsens tal-istess konvenuta kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u/jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha; u sija ghaliex il-kunsens tal-esponent inkiseb bl-eskluzjoni dapparti tal-konvenuta ta’ elementi essenzjali taz-zwieg inkluz id-dritt ghall-att taz-zwieg.

Peress illi l-kontendenti zzewgu fid-19 ta’ Lulju 1997 (Att taz-Zwieg anness bhala Dok. A).

Peress illi z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null stante li l-kunsens tal-attur kien vizzjat b’qerq dwar xi kwalita’ tal-konvenuta li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga u ghaliex l-istess kunsens inkiseb bl-eskluzjoni dapparti tal-konvenuta ta’ elementi essenzjali taz-zwieg inkluz id-dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi inoltre l-kunsens tal-konvenuta kien ukoll vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

Illi ghalhekk iz-zwieg ta’ bejn il-partijiet huwa null ai termini tal-Artikolu 19 [1] [c] [d] u [f] tal-Att Dwar iz-Zwieg, Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara null u nvalidu z-zwieg kuntrattat mill-kontendenti fid-19 ta' Lulju 1997 u registrat permezz tal-Att taz-Zwieg numru 1178/1997 ai termini tal-Artikolu 19 [1] [c] [d] u [f] tal-Att Dwar iz-Zwieg, Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba r-ragunijiet fuq imsemmija.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet tad-9 ta' Lulju 2008 li permezz tieghu gew nominati Dr. Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar bhala kuraturi biex jirraprezentaw lill-assenti D E F G C.

Rat ir-risposta tal-istess kuraturi fejn dawn ikkonfermaw:

Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-assenti minnhom rapprezentata u f'dan ir-rigward, minn issa jitolbu lir-rikorrenti jiddikjara jekk ghandux xi indirizz tal-assenti jew numru tat-*telephone* tal-istess.

Rat id-dokumenti kollha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat l-affidavit kollha prezentati.

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma fil-qosor is-segwenti:

L-attur kien sar jaf lill-konvenuta tramite habib komuni. Hu Malti u hija Tunezina. Fuq suggeriment ta' dan il-habib, huwa mar Tunez biex jiltaqa' maghha l-ewwel darba. Wara ftit taz-zmien baghatilha l-flus biex taghmel passaport u thallas vjagg ghal Malta. Giet Malta fejn qaghdet ghand ommu u wara xahrejn izzewgu. Damu

flimkien xi erba’ xhur. Talbitu l-flus biex tmur Tunez. Hu tahomlha u ma regghet qatt lura d-dar.

L-attur f’din il-kawza qed isejjes it-talba fuq dak li jipprovdi l-Art. 19 tal-Att dwar iz-Zwieg senjatament is-subincizi (1) (c) (d) u (f).

Is-subinciz 1 (c) tal-Art. 19 jipprovdi ghan-nullita’ ta’ zwieg fil-kaz illi l-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Is-subinciz 1 (f) tal-Art. 19 jipprovdi ghan-nullita’ ta’ zwieg fil-kaz illi l-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-Att taz-zwieg.

Fl-isfond tac-cirkostanzi ta’ dan iz-zwieg, il-Qorti tikkonsidra illi l-konvenuta f’din ir-relazzjoni ma kellha ebda intenzjoni li tifforma mal-attur dik il-komunjoni ta’ hajja u mhabba li huwa effettivament iz-zwieg.

Mill-affidavit tal-attur kif konfermat mill-affidavit ta’ tnejn min-nies qrib hafna tieghu, cioe’ ohtu stess u habib tieghu ta’ hafna snin, deher mal-ewwel illi l-konvenuta riedet biss l-opportunita’ li tigi Malta biex tghix hawnhekk. Deher mal-ewwel li kien zwieg tipiku ta’ konvenjenza.

L-attur fix-xhieda tieghu jikkonferma li ma kienx hemm relazzjonijiet intimi bejn il-partijiet. Jikkonfermaw dan ukoll ix-xhieda l-ohra li maghhom fetah qalbu l-attur. Ukoll, minkejja li qatt ma ppruvat tfittex xoghol barra mid-dar, il-konvenuta lanqas sehemha fid-dar qatt ma tat.

Jirrizulta illi la qatt sajret u lanqas hadet hsieb affarijiet ohra fid-dar. L-attur kien jiekol ghand il-familjari tieghu. Hija kienet biss mohhha fil-hbieb li kienet tilqa’ d-dar b’mod regolari u fil-fatt spiccat bdiet relazzjoni intima u kellha wild ma’ wiehed minn dawn l-istess hbieb. Il-Qorti hija sodisfatta li l-konvenuta ma kellha qatt intenzjoni li tistabilixxi zwieg, anzi eskludietu ‘ab initio’.

Il-Qorti taghmel referenza ukoll ghad-dokument iffirmat mill-istess partijiet ftit wara s-separazzjoni de facto taghhom fejn l-istess konvenuta ddikjarat illi z-zwieg ma giex konsumat.

“FTEHIM PRIVAT MILHUQ BEJN:

**B C**, imwieled Qormi, iben *omissis (ismijiet tal-genituri)*, bil-karta ta’ l-identita’ numru: *omissis (k.i. numru)* li joqghod *omissis (indirizz)* iktar ‘il quddiem imsejjah ir-‘**Ragel**”; u

**D G C**, imwielda t-Tunezija, bint *omissis (ismijiet tal-genituri)*, bil-karta ta’ l-identita’ *omissis (k.i. numru)* li toqghod prezentement *omissis (indirizz)*, iktar ‘il quddiem imsejha l-‘**Mara**’.

ILLI, QABEL XEJN, IL-PARTIJIET JIPPREMETTU S-SEGWENTI:

Illi huma zzewgu f’Malta fid-29 ta’Lulju, 1997, fir-Registru taz-Zwieg, il-Belt Valletta.

Illi l-Mara ghandha c-cittadinanza Tunezina skond ma jidher mill-Karta ta’ l-Identita’ taghha.

Illi l-partijiet huma, prezentement, fil-process li jibdew procedimenti fil-Qorti Civili ghall-annullament taz-zwieg taghhom minhabba li z-zwieg taghhom ma giex ikkonsmat.

Illi l-Mara mhux qed tghix izjed fid-dar konjugali izda qed tghix ghal rasha.

Illi l-Mara u r-Ragel telqu mid-dar taz-zwieg bla raguni xierqa u ma jridux jergghu jmorru lura lejn id-dar.

Illi l-partijiet m’ghandhomx tfal.

ILLI, GHALHEKK, IL-PARTIJIET QEGHDIN JIFTEHMU S-SEGWENTI:

1. Illi jitterminaw il-komunjoni ta’ l-akkwisti li hemm ezistenti bejn il-partijiet u, in vista ta’ dan, il-Mara qed tiddikjara li tifhem li hi xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti;

2. Illi, in vista ta’ dan, il-partijiet qeghdin jehilsu lil xulxin mill-obbligi reciproci taghhom li, skond il-mezzi u l-hila taghhom, jahdmu fl-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja a tenur ta’ l-artikolu 3 tal-Kodici Civili; u

3. Konsegwentement, il-partijiet qeghdin jiddikjaraw u jiftehmu li minn issa ‘l quddiem m’humiex izjed responsabbli ghad-dejn ta’ xulxin, ikun xi jkun id-dejn u, bhala konsegwenza, il-Mara u r-Ragel qeghdin jiddikjaraw li jifhmu li minn issa ‘l quddiem ma jistghux izjed jitolbu lil xulxin ghall-hlas tad-dejn reciproci taghhom.”

Il-Qorti ghalhekk m’hijiex ser tghaddi biex tezamina dan iz-zwieg in relazzjoni mal-artikoli l-ohra citati mill-istess attur.

**Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fid-19 ta’ Lulju 1997 (Att taz-Zwieg Nru. 1178/1997) huwa null u bla effett.

L-ispejjez jithallsu mill-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------